



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Jannar 2010
(OR. en)**

17800/09

**Fajl Interistituzzjonali:
2009/0185 (NLE)**

**ANTIDUMPING 103
COMER 204**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li
jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-
etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika**

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

**li jimponi dazju anti-dumping
definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamini
li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (verżjoni kodifikata)¹, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea² ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2) tar-Regolament (KE) 1225/2009,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

² ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

- (1) Fi Frar 1994, il-Kunsill impona, permezz tar-Regolament (KE) Nru 229/941, dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamini (il-prodott ikkonċernat) li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika (“l-Istati Uniti”).
- (2) Fuq talba tal-Conseil européen des fédérations de l'industrie chimique (CEFIC), inbdiet reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku f’Lulju tal-2005. Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1583/20062 il-Kunsill ikkonkluda dik ir-reviżjoni u impona miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti. Id-dazji kienu fil-forma ta’ dazju fiss speċifiku.

2. Talba għal reviżjoni tal-iskadenza

- (3) Wara l-pubblikazzjoni f’Ottubru tal-2008 ta’ notifika dwar l-iskadenza imminenti tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti³, il-Kummissjoni fil-25 ta’ Lulju 2008 rċiviet talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

¹ ĠU L 28, 2.2.1994, p. 40.

² ĠU L 294, 25.10.2006, p. 2.

³ ĠU C 71, 18.3.2008, p. 13.

- (4) It-talba ġiet sottomessa minn BASF SE/AG, INEOS Oxide Ltd, Sasol Germany GmbH, u Akzo Nobel Functional Chemicals AB (“il-produtturi applikanti tal-Unjoni”) għan-nom tal-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni, f’dan il-każ ta’ iżjed minn 50 %, tal-produzzjoni totali ta’ etanolamini fl-Unjoni.
- (5) It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li kienet se twassal f’kontinwazzjoni jew rikorrenza ta’ dumping u dannu għall-industrija tal-Unjoni.
- (6) Wara li stabbiliet, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed provi għall-bidu ta’ reviżjoni tal-iskadenza, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni permezz ta’ notifika tal-bidu¹ skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

3. Investigazzjoni

- (7) Is-servizzi tal-Kummissjoni taw parir uffiċjali lill-produtturi tal-Unjoni, il-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti, importaturi/negożjanti, utenti fil-Komunità magħrufa li huma kkonċernati, kif ukoll l-awtoritajiet tal-Istati Uniti bil-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa bil-miktub u li jitolbu smiġh fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika tal-bidu.

¹ ĠU C 270, 25.10.2008, p. 26.

- (8) Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li huma kkonċernati u lil dawk li talbu kwestjonarju fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika tal-bidu.
- (9) Il-Kummissjoni tat ukoll lill-partijiet direttament ikkonċernati l-opportunità li jwasslu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smiġh fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika tal-bidu.
- (10) Ir-risposti għall-kwestjonarju ġew irċevuti minn żewġ produttori esportaturi fl-Istati Uniti, importatur wieħed relatat fl-Unjoni, importatur wieħed relatat fl-Iżvizzera, il-produtturi applikanti tal-Unjoni, u utent industrijali wieħed fl-Unjoni. Produttur esportatur addizzjonali ieħor fl-Istati Uniti (Huntsman Petrochemical Corporation) issottometta dokument (“dokument ta’ pożizzjoni”) li fih iddikjara li l-miżuri għandhom jitħassru u li iżda, ma weġibx il-kwestjonarju.

(11) Is-servizzi tal-Kummissjoni fittxew u vverifikaw l-informazzjoni kollha meħtieġa neċessarja għall-iskop tad-determinazzjoni tal-probabbiltà tal-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u d-dannu u għad-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika twettqu fil-postijiet tal-kumpaniji li ġejjin:

a. Produtturi applikanti tal-Unjoni

BASF SE/AG, Ludwigshafen, il-Ġermanja

INEOS Oxide Ltd., Southampton, ir-Renju Unit

Sasol Germany GmbH, Hamburg, il-Ġermanja

Akzo Nobel Functional Chemicals AB, Stenungsund, l-Iżvezja

b. Produtturi esportaturi fl-Istati Uniti

The Dow Chemical Company, Midland, Michigan and Seadrift, Texas, Istati Uniti

INEOS Oxide LLC, Houston, Texas and Plaquemine, Louisiana, Istati Uniti

c. Importaturi relatati fl-Unjoni

INEOS Oxide Ltd., Zwijndrecht, il-Belġju

d. Importatur relatat fl-Iżvizzera

Dow Europe GmbH, Horgen, l-Iżvizzera

e. Utenti industrijali fl-Unjoni

Evonik Degussa GmbH, Essen, il-Ġermanja

4. Reviżjoni tal-perjodu tal-investigazzjoni

- (12) L-investigazzjoni dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u t-30 ta' Settembru 2008 (ir-“RIP”).
- (13) L-eżaminazzjoni tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-aħħar tal-RIP (“il-perjodu kkunsidrat”). Barra minn hekk, it-tendenzi għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu ġew evalwati wkoll taħt l-ambitu tal-impatt tal-effetti tal-kriżi ekonomika dinjija fuq is-suq tal-etanolamina wara r-RIP.

B. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Prodott ikkonċernat

- (14) Il-prodott ikkonċernat hu l-istess bħal dak kopert mill-investigazzjonijiet preċedenti, i.e. etanolamini li preżentament għandhom il-kodiċijiet NM ex 2922 11 00, ex 2922 12 00 u 2922 13 10 li joriġinaw fl-Istati Uniti. L-etanolamini jinkisbu billi l-ossidu etileniku (EO), li hu stess hu riżultat ta' reazzjoni tal-etilene u l-ossiġenu, jirreaġixxi mal-ammonja. Din is-sinteżi twassal għal tliet reazzjonijiet li jikkompetu u għal tliet tipi differenti ta' etanolamini: monoetanolamina (MEA), dijetanolamina (DEA) and trietanolamina (TEA), skont kemm-il darba l-EO ikun marbut. In-numru massimu ta' kombinazzjonijiet hu limitat min-numru ta' elementi tal-idroġenu fl-ammonja, jiġifieri tlieta. Il-proporzjonijiet tat-tliet tipi fil-prodott totali huma determinati bid-disinn speċifiku tal-faċilitajiet tal-produzzjoni, iżda jistgħu, sa ċertu punt, ikunu kkontrollati bil-proporzjon tal-ammonja/EO (il-“proporzjon molari”).

- (15) Il-prodott ikkonċernat jintuża bħala intermedjarju u/jew addittiv għal sustanzi li jnaqqsu t-tensjoni fil-wiċċ użati f'deterġenti u prodotti tal-kura personali, kożmetiċi, fertilizzanti u aġenti tal-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba' (glifożat), inibituri tal-korrużjoni, żjut tal-lubrikazzjoni, awżiljarji tad-drapp u sustanzi għat-trattib tad-drapp (esterquats), kimiċi fotografiki, xogħlijiet tal-karta u tal-metall, trattament tal-injam, bħala għajnuna tat-tħin u tal-irbit għal produzzjoni tas-siment u bħala għajnuna għall-assorbiment tal-ħmieġ fil-gass (it-tneħħija tal-aċidi mill-gass biex isir iżjed ħelu). Il-prodott jista' jintuża wkoll mill-manifatturi stess jew mill-manifatturi marbuta magħhom fil-produzzjoni tal-etileneamini. Applikazzjonijiet ġodda tal-MEA jinkludu taurine u oġġetti elettroniki, b'mod partikolari prodotti li jappartjenu għas-settur tal-LCD.

2. Il-prodott simili

- (16) Bħal fl-investigazzjonijiet ta' reviżjoni oriġinali u preċedenti, intwera li l-prodott ikkonċernat prodott fl-Istati Uniti u mibjugħ lill-Unjoni hu identiku f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi u tekniċi għall-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni u li m'hemmx differenza fl-użu bejn dawn il-prodotti. Instab ukoll li l-prodott ikkonċernat prodott fl-Istati Uniti u mibjugħ lill-Unjoni hu identiku għal dak mibjugħ fis-suq domestiku tal-Istati Uniti. Għaldaqstant, dawn il-prodotti kollha għadhom jitqiesu li huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TAD-DUMPING

- (17) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dumping kienx qiegħed preżentament iseħħ u, jekk iva, jekk l-iskadenza tal-miżuri kinitx se twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dumping.

1. Rimarki preliminari

- (18) Mill-erba' produttori esportaturi tal-Istati Uniti imsemmija fl-ilment, tnejn minnhom ikkooperaw fl-investigazzjoni, wieħed minnhom ma kkooperax iżda sottometta biss dokument ta' pożizzjoni filwaqt li l-ebda risposta jew kwalunkwe informazzjoni oħra ma ġew irċevuti mir-raba' kumpanija fl-Istati Uniti msemmija fl-ilment.
- (19) Iż-żewġ produttori esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw il-proporzjon ewlieni (i.e. iktar minn 90 %, il-figura preċiża ma tistax tiġi żvelata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità) tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni matul ir-RIP, li kienu jammontaw għal 37,583 tonnelli u li huma 8,5 % inqas mill-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni preċedenti (l-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005). L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina fl-Istati Uniti kien jirrappreżenta 14 % tal-konsum fl-Unjoni matul ir-RIP.

2. Dumping tal-importazzjonijiet matul ir-RIP

Valur normali

- (20) Fir-rigward taż-żewġ produtturi tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti li kkooperaw, il-valur normali ġie stabbilit għal kull tip tal-prodott ikkonċernat, ibbażat fuq il-prezz imħallas jew pagabbli fuq is-suq domestiku fl-Istati Uniti minn klijenti mhux milquta mir-relazzjoni skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, peress li dan il-bejgħ instab li sar fi kwantitajiet biżżejjed u fl-andament ordinarju tal-kummerċ.

Prezz tal-esportazzjoni

- (21) Bħal fl-investigazzjonijiet ta' reviżjoni oriġinali u dik preċedenti, din l-investigazzjoni reġgħet uriet li ż-żewġ produtturi tal-esportazzjoni fl-Istati Uniti li kkooperaw, esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpaniji li huma relatati. Minħabba dan, u skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-prezzijiet li bihom il-prodott impurtat kien inbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. Ġew ikkunsidrati l-ispejjeż kollha li ntefqu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż il-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi u l-profitt magħmul fl-Unjoni mill-kumpaniji tal-importazzjoni waqt ir-RIP. Fir-rigward tal-marġini tal-profitti, il-profitt attwali tan-negozjanti relatati ma setax jintuża peress li r-relazzjoni bejn il-produtturi esportaturi u n-negozjanti relatati wasslet biex dawn il-prezzijiet ma jkunux affidabbli. Il-marġini tal-profitt tagħhom għaldaqstant ġew stabbiliti f'rata raġonevoli, li ma taqbiżx il-marġini tal-profitt attwali miksuba min-negozjanti relatati u konformi mal-marġini tal-profitt użati għar-raġunijiet simili fir-reviżjoni preċedenti.

Tqabbil

- (22) Il-valur normali tqabbel mal-prezz medju tal-esportazzjoni għal kull tip ta' prodott ikkonċernat, fuq bażi ta' ex-works u fuq l-istess livell ta' kummerċ. Skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, u għall-iskop li jiġi żgurat tqabbil ġust, id-differenzi f'fatturi li ġew allegati u murija li jolqtu l-prezz u t-tqabbil tal-prezzijiet ġew ikkunsidrati. Saru aġġustamenti għal trasport tal-merkanzija fuq l-art u bl-oċean, ribassi differiti, spejjeż tal-ġestjoni u tal-imballaġ, spejjeż tal-kreditu u dazji tal-importazzjoni, li kollha tnaqqsu mill-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid sabiex wieħed jasal għal bażi ta' ex-works.

Marġini tad-dumping

- (23) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-dumping ġie stabbilit għal kull tip ta' prodott fuq il-bażi ta' paragun tal-valur normali medju differenzjat mal-prezzijiet medji differenzjati tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' negozju. Dan il-paragun wera l-eżistenza ta' dumping matul ir-RIP, għalkemm f'livell iżjed baxx minn dak stabbilit fir-reviżjoni preċedenti. Il-marġini medju tad-dumping differenzjat espress bħala perċentwal tal-valur CIF fil-fruntiera tal-Unjoni kien ta' 11,9 % għal INEOS Oxide LLC u 0% għal Dow Chemical. Fir-rigward tal-produtturi l-oħra fl-Istati Uniti li ma kkooperawx mal-investigazzjoni u li kienu jkopru matul ir-RIP inqas minn 5 % (il-figura preċiża ma tistax tiġi żvelata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità) tal-importazzjonijiet tal-Istati Uniti tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, il-marġini tad-dumping kellu jiġi bbażat fuq fatti disponibbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Kif imsemmi hawn fuq l-investigazzjoni stabbilixxiet l-eżistenza tad-dumping. Għalhekk, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(6) tar-Regolament bażiku, l-eżistenza tad-dumping fil-livell misjub għal INEOS Oxide LLC, jiġifieri 11,9 % hija attribwita wkoll għal daww l-esportaturi li ma kkooperawx mal-investigazzjoni. Tabilħaqq, ma hemmx raġuni biex wieħed jemmen li parti li ma kkooperatx mal-investigazzjoni kienet qed tagħmel dumping f'ammont inqas minn kull parti li kkooperat u li din il-parti għandha tiġi ttrattata aħjar mill-partijiet li kkooperaw. Ta' min jinnota li ma hemmx informazzjoni verifikabbli disponibbli għall-produtturi tal-Istati Uniti li ma kkooperawx filwaqt li t-tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti li kkooperaw meta mqabbla mar-regoli tal-istatistika ta' Eurostat, telimina l-possibbiltà li l-kwantitajiet nieqsa kienu ġew esportati mill-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti li kkooperaw.

3. Żvilupp tal-importazzjonijiet jekk jitħassru l-miżuri

Rimarki preliminari

- (24) Minbarra l-analiżi tal-eżistenza tad-dumping waqt ir-RIP, il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tad-dumping ġiet eżaminata.

Livell ta' dumping f'każ li l-miżuri jitħassru

- (25) It-tneħħija tal-miżuri tħalli l-esportaturi li jnaqqsu l-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom. Tnaqqis tal-prezzijiet tal-esportazzjoni jagħmel il-prodott tal-Istati Uniti iżjed attraenti fuq is-suq tal-Unjoni. Kieku l-prezzijiet tal-esportazzjoni kellhom jitnaqqsu b'mod proporzjonali mal-livell tad-dazji anti-dumping, il-marġini tad-dumping osservati matul ir-RIP kienu jkunu 12 % għal INEOS Oxide LLC u għall-parti li ma kkooperatx (skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku) filwaqt li xorta ma jkunx hemm dumping għal Dow Chemical. Id-differenza żgħira bejn il-marġini tad-dumping bid-dazju inkluż u dik mingħajr dazju hi dovuta minħabba l-fatt li, matul ir-RIP, il-livell tal-prezz ġenerali għall-etanolamini kien pjuttost għoli li kien ifisser li d-dazju anti-dumping impost fil-forma ta' ammont fiss speċifikat kellu impatt minimu. Sussegwentament għar-RIP, il-prezzijiet tal-etanolamini b'mod ġenerali naqsu sa livell sinifikanti kif spjegat f'iżjed dettall hawn taħt.

Iżjed spazju għal esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni minħabba kapaċità tal-produzzjoni tal-Istati Uniti mhux użata matul ir-RIP

- (26) Il-kapaċità tal-produzzjoni żejda fl-Istati Uniti waqt ir-RIP hija sinifikanti. Hu stmat li hemm madwar 60,000 tunnellata ta' kapaċità tal-produzzjoni mhux użata fl-Istati Uniti matul ir-RIP. Dan ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-volumi prodotti miż-żewġ produttori esportaturi li kkooperaw, il-fatt li r-rati tal-produzzjoni huma normalment mistennija jkunu madwar 90 % tal-kapaċità 'nameplate', is-suppożizzjoni li l-ammont reali tal-produzzjoni ta' produttori tal-Istati Uniti li ma kkooperawx ma kienx ikun frati ta' produzzjoni reali inqas minn 80 % tal-kapaċità 'nameplate', kif ukoll l-informazzjoni minn ġurnali tas-suq ewlenin. Iċ-ċifra ta' hawn fuq tista' togħla sa 85 000 tunnellati jekk jintlaħqu rati tal-produzzjoni iktar ambizzjużi. Meta mqabbel mal-kapaċità totali tan-'nameplate' stmat fl-Istati Uniti ta' 732 000 tunnellata, id-domanda totali stmata inkluż il-konsum magħluq kienet tammonta għal 588 000 tunnellata. Ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità baxxa kienet konsegwenza ta' numru ta' inċidenti li seħħew fis-snin riċenti jiġifieri x-shut-downs selettivi li l-produtturi tal-Istati Uniti għamli biex iżommu l-inventarji tagħhom baxxi, l-implimentazzjoni tal-espansjonijiet tal-kapaċità tagħhom (l-aħħar espansjoni ta' Dow Chemical b'45 000 tunnellata u l-aħħar espansjoni ta' wieħed mill-produtturi tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti li ma kkooperawx bi 32 000 tunnellata) u l-impatt tal-uragani Gustav u Ike fuq ċerti faċilitajiet tal-produzzjoni jew fuq xi faċilitajiet tal-produzzjoni tal-materja prima rispettivament. Fejn huma kkonċernati l-uragani Ike u Gustav, dawn xorta kellhom ċertu impatt fuq ir-RIP iżda l-impatt tagħhom spiċċa wara r-RIP.

L-impatt skont l-istimi tal-2008 ta' PCI Consulting Grupp (PCI) hu ta' 39 000 tonnellata ta' produzzjoni mitlufa¹. L-eżistenza tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni potenzjali mhux użati fl-Istati Uniti matul l-2007 u l-2008, i.e. matul il-perjodu kopert mir-RIP, hi kkonfermata wkoll minn pubblikazzjoni annwali ewlenija li tirrevedi s-suq tal-etanolamina². Din il-pubblikazzjoni stmat li fl-2007 kien hemm provvista żejda ta' 65 000 tonnellata fis-suq tal-Istati Uniti. Il-kapaċità żejda ta' madwar 60 000 tonnellata għandha titqabbel mal-volum tal-esportazzjonijiet mill-Istati Uniti lejn l-Unjoni matul ir-RIP (37 583 tonnellata) u l-konsum totali tal-Unjoni (268 000 tonnellata). Minn dan jirriżulta li hemm potenzjal li jiżdedu l-esportazzjonijiet mill-Istati Uniti u li jieħdu parti mis-suq tal-Unjoni.

¹ Ħarsa ġenerali lejn is-Suq tal-Ossidu tal-Etilene & tal-Glikol minn PCI Xylenes & Polyesters Ltd (minn hawn 'il quddiem PCI), edizzjoni ta' Ottubru tal-2008.

² Gwida Ekonomika għar-Revizzjoni tal-Prodott Kimiku-Etanolamini-SRI Consulting, Jannar 2009, 642.5000 A, p. 14-15.

Iżjed spazju għal esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni minħabba prospetti dgħajfa fi swieq oħra tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti

(27) B'rabta ma' numru ta' swieq importanti tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti, l-investigazzjoni wriet li l-produtturi tal-Istati Uniti se jsibu diffikultajiet li dejjem jiżdiedu biex ifornu lil dawn is-swieq għax dawn is-swieq riċentament saru jew dalwaqt isiru awtosuffiċjenti. Fil-fatt, hemm serje ta' espansjonijiet fil-kapaċità fi swieq ta' pajjiżi terzi li jew ġew konklużi riċentement jew preżentement jinsabu fil-proċess li jiġu implimentati u li huma fornuti mill-Istati Uniti. Dawn huma:

- (i) l-espansjoni tal-kapaċità riċenti fil-Brażil (li tvarja minn 55 000 għal 65 000 tonnellata, skond is-sorsi), suq tal-esportazzjoni importanti għall-produtturi tal-Istati Uniti;
- (ii) espansjoni aggregata ta' 180 000 tonnellata fiċ-Ċina, suq li xi produtturi tal-Istati Uniti jesportaw lejha permezz ta' negozju bi sħab stabbilit f'pajjiżi Ażjatiċi oħra; u

(iii) l-espansjonijiet fit-Tajwan u t-Tajlandja (aggregati flimkien għal 90 000 tonnallata) li jagħmlu s-suq Ażjatiċu żona karatterizzata minn kapaċità żejda, bi fteit spazju għal kwalunkwe parti barra ż-żona Ażjatiċa li tesporta lejn is-suq Ażjatiċu. L-esportazzjonijiet totali tal-Istati Uniti lejn swieq oħra minbarra dawk tal-Unjoni fl-2008 kienu ammontaw għal 137 600 tonnallata, bis-suq Ażjatiċu li jirċievi 61 600 tonnallata¹. Għaldaqstant kwantità importanti se jkollha tiġi trażmessa lejn swieq ġodda.

(28) B'konklużjoni, kif stabbilit fil-premessa 26, hemm kapaċità żejda ta' ċertu importanza disponibbli li tista' tintuża għall-produzzjoni ta' iżjed etanolamini u biex jinbiegħu fuq is-suq tal-Unjoni jekk jitħassru l-miżuri. Barra minn hekk, is-swieq tal-esportazzjoni importanti għal produttori tal-Istati Uniti aktarx li se jkollhom provvista żejda b'żidiet fil-produzzjonijiet lokali tagħhom biex b'hekk is-suq tal-Unjoni jsir possibbiltà attraenti ħafna għall-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti.

¹ PCI, edizzjoni ta' Jannar tal-2009.

Iżjed spazju għal esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni minħabba l-komportament tal-produttur wieħed tal-Istati Uniti li ma kkooperax

- (29) Il-komportament tan-negozju possibbli tal-parti tal-Istati Uniti li ma kkooperatx ġie eżaminat ukoll fil-premessa 10. Qed jiġi mfakkar li l-unika informazzjoni li din il-parti ssottomettiet kienet dokument ta' pożizzjoni li fih ikkonkludiet li m'hemmx dannu kkawżat minn importazzjonijiet ta' etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti u l-ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping dannuż. Il-kumpanija saħqet illi matul ir-RIP kellha f'it li xejn bejgħ tal-prodott ikkonċernat lil żewġ partijiet mhux relatati u lil parti waħda relatata fl-Unjoni. Qalet ukoll li tixtieq li jkollha tendenza tal-bejgħ regolari u ġusta lejn l-Unjoni iżda ma provdietx dejta konkreta jew informazzjoni verifikabbli kemm dwar il-prestazzjoni tar-RIP tagħha fir-rigward tal-prodott ikkonċernat jew dwar il-komportament intiż tagħha fil-futur fin-negozju tal-etanolamina fis-suq tal-Unjoni. Għaldaqstant, is-sejbiet fir-rigward ta' dan il-produttur tal-Istati Uniti li ma kkooperax kellhom jiġu bbażati, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-fatti disponibbli. F'dan ir-rigward, inkisbet informazzjoni disponibbli għall-pubbliku mill-websajt korporattiva ta' din il-kumpanija kif ukoll dejta rilevanti pubblikata minn CEH Product Review on Ethanolamines (SRI Consulting), ġurnal ewlieni dwar is-suq. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li dan il-produttur fl-Istati Uniti li ma kkooperax kien jammonta għal 29 % tal-kapaċità tal-produzzjoni fl-Istati Uniti matul ir-RIP bil-prodott ikkonċernat meqjus bħala settur tan-negozju li jappartjeni għad-diviżjonijiet tal-prodott tal-kumpanija li kellhom l-aħjar prestazzjoni.

L-importanza ġenerali tas-suq tal-Unjoni ġiet ikkonfermata wkoll bil-fatt li l-bejgħ lejn l-Unjoni kien jirrappreżenta madwar 33 % tal-bejgħ totali ta' din il-kumpanija. Meta wieħed iqis id-daqs ta' dan il-produttur fis-suq tal-Istati Uniti, il-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu, l-importanza ġenerali tal-Unjoni fl-attivitajiet tan-negozju tiegħu u l-importanza tas-suq tal-Unjoni fis-suq dinji tal-etanolamina, hu raġonevoli li wieħed jassumi li dan il-produttur tal-Istati Uniti li ma kkooperax ikompli jżid l-attivitajiet tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Ikun hemm inċentiv li dan isir fuq il-bażi tad-dejta prevalenti matul ir-RIP, b'mod speċjali minħabba l-livell tal-prezzijiet għolja tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni.

Miżuri tad-difiża tal-kummerċ fi swieq tal-esportazzjoni ta' pajjiżi terzi

- (30) Minn Novembru 2004, iċ-Ċina imponiet dazji anti-dumping fuq l-MEA u d-DEA li joriġinaw fil-Ġappun, l-Istati Uniti, l-Iran, il-Malażja, it-Tajwan u l-Messiku. L-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti huma soġġetti għal dazji li jvarjaw minn 20 % għal 74 %. Fl-2008, 11 % tal-esportazzjonijiet totali tal-Istati Uniti marru lejn iċ-Ċina¹, suq b'domanda li qed tiżdied għall-prodott ikkonċernat u li fl-2007 kien qed jipproduċi madwar 24 % tal-konsum totali intern tiegħu tal-etanolamini. Għandu jiġi osservat li Dow Chemical iffurmat negozju bi sħab ma' Petronas, imsejjħa Optimal, u installat kapaċità ta' 75 000 tonnellata fil-Malażja, dedikati mill-2002 sabiex iservu s-suq Ażjatiku tal-etanolamina. Iżda jibqa' l-fatt li l-esportazzjonijiet ġenwini tal-Istati Uniti lejn iċ-Ċina huma soġġetti għal miżuri u għaldaqstant jiġi limitat għall-iskopijiet prattiċi kollha l-potenzjal li jassorbixxu l-kapaċitajiet żejda fi kwalunkwe mod sinifikanti.

¹ PCI, edizzjoni ta' April 2009.

- (31) Barra minn hekk, jidher li l-potenzjal tal-esportazzjoni tal-etanolamina tal-Istati Uniti lejn iċ-Ċina hu affetwat ukoll mill-fatt li r-reġim tad-dazju Ċiniż fuq l-etanolamini impurtati mill-pajjiżi ASEAN tbiddel (dazju tal-importazzjoni mnaqqas minn 5 % sa 0 %) biex b'hekk jiġi provdut vantaġġ ieħor għall-produtturi tal-etanolamini fil-pajjiżi ASEAN li jesportaw lejn iċ-Ċina¹.

Żvilupp tad-domanda fl-Istati Uniti sar-RIP

- (32) Is-suq tal-etanolamina ġie karatterizzat minn tkabbir b'saħħtu fid-domanda għal DEA, imwassal mill-użu ta' DEA fil-produzzjoni tal-erbicidji tal-glifosfat. Id-domanda għal TEA hi speċifikament immexxija bl-użu fis-settur tas-siment u mill-produtturi tas-sustanzi li jrrattbu d-drappijiet. Is-suq ewlieni għal MEA hu s-sinteti tal-komposti organiċi (l-iżjed etileneamini). Regolament tal-Istati Uniti, effettiv mill-1 ta' Jannar 2005, li jipprojbixxi l-użu ta' prodotti alternattivi bbażati fuq il-metall għat-trattament tal-injam, ikkawża żieda fid-domanda għal MEA. Madankollu, informazzjoni minn ġurnali ewlenin tissuġġerixxi li l-impatt tal-inizjattiva leġislattiva tal-Istati Uniti tal-2005 fuq id-domanda mhux se tibqa' tagħti lok għal żidiet kbar fil-perċentwal tal-konsum fil-futur. Filfatt l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku tikkonferma li l-konsum tal-MEA destinat għal sustanzi preventivi tal-injam żdied minn 3 000 tunnellata fl-2001 għal 107 000 tunnellata fl-2007. Madankollu mill-2006, ir-rati tat-tkabbir annwali kienu modesti (i.e. 3 %) u mhumieq mistennija li jinbidlu b'mod sinifikanti fil-futur. Dan minħabba l-fatt li dan is-settur tas-suq stabbilizza ruħu u minħabba li hemm kompetizzjoni fis-suq tal-preservanti tal-injam minn prodotti oħra li ma jużawx l-MEA (bħal preservanti tal-injam ibbażati fuq il-borat, speċji tal-injam li b'mod naturali jirreżistu l-organiżmi ta' ħsara u azzar riċiklat). Fil-qosor, sar-RIP kien hemm domanda li qed tiżviluppa b'mod pożittiv li, madankollu, hi mistennija li tistabbilizza.

¹ Pubblikazzjoni Tecnon OrbiChem, is-17 ta' Marzu 2009.

- (33) L-informazzjoni disponibbli relatata ma' żviluppi possibbli fid-domanda fl-Istati Uniti u l-bqija tad-dinja għall-perjodu sal-2013 ġiet riveduta wkoll. Il-figuri kollha fil-premessi li ġejjin huma bbażati fuq l-informazzjoni miksuba mingħand dawk li għamlu lment, Dow Chemical, INEOS Oxide LLC u l-pubblikazzjonijiet ta' referenza ewlenin fl-industrija kimika maħruġa minn SRI Consulting, PCI u Tecnon OrbiChem Ltd. Id-dejta għadha ma tirriflettix l-impatt tal-kriżi ekonomika attwali.
- (34) Skont dik l-informazzjoni, ir-rata tat-tkabbir medja tad-domanda tal-Istati Uniti hi mistennija li tilħaq 3,1 %. Ir-rati tat-tkabbir fi swieq oħra huma ogħla. Ir-rata tat-tkabbir medja annwali prevista fl-Unjoni mhix se tilħaq 4 %, meta mqabbla ma' 4,6 % fiċ-Ċina, 5 % fl-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel u 13,4 % fil-Lvant Nofsani. Din is-sitwazzjoni tikkonferma li l-produtturi tal-Istati Uniti se jkollhom ifittxu swieq tal-esportazzjoni u jagħmlu hilitom biex iżidu kemm jistgħu l-preżenza u l-qliġ tagħhom f'żoni tad-dinja li huma mistennija li jmorru aħjar f'termini ta' tkabbir u fejn jeżistu l-opportunitajiet għal sehem ikbar mis-suq.

- (35) Jekk l-iżvilupp fid-domanda jiġi mqabbel mal-kapaċità tal-produzzjoni disponibbli, toħroġ l-istampa li ġejja, għal darb'oħra fuq il-bażi ta' dejta ta' qabel il-kriżi: fl-Istati Uniti, matul ir-RIP fejn il-produzzjoni attwali kienet xi 65 000 tonnellata oġġla mill-konsum effettiv tal-prodott ikkombinat mal-kapaċità żejda, se jgħaddi ftit żmien qabel ma tiġi assorbita l-kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali li riċentament saret operattiva. L-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku tissuġġerixxi li l-kapaċità żejda fl-Istati Uniti mhijiex mistennija li tgħib qabel l-2013. Għaldaqstant, mhuwiex probabbli li se jkun hemm xi inċentiv imnaqqas għall-produtturi tal-Istati Uniti biex jesportaw fil-futur qrib.
- (36) B'kuntrast, fl-2007, id-domanda fis-suq Ewropew kienet ftit oġġla¹ mill-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni. Madankollu, fuq il-bażi tad-dejta ta' qabel il-kriżi, aktarx li din is-sitwazzjoni se tinbidel. Filfatt, jekk ir-rati tat-tkabbir previsti jitqabblu mal-espansjonijiet tal-kapaċità mħabbra, tkun mistennija xi kapaċità eċċessiva jekk l-pjanijiet tal-investment fl-Unjoni ta' INEOS Oxide Ltd jiġu implimentati. Din l-espansjoni tal-kapaċità mhijiex mistennija li ssir operattiva qabel it-tmiem tal-2010. Għaldaqstant, is-suq tal-Unjoni jsir vulnerabbli ħafna għal kwalunkwe pressjoni li toriġina mill-bżonn tal-produtturi tal-Istati Uniti li jiżguraw is-swieq għall-produzzjoni eċċessiva tagħhom.

¹ Pubblikazzjoni SRI, Jannar 2009.

- (37) B'mod ġenerali, il-kapaċità tal-produzzjoni dinjija aktarx li tiżdied minn madwar 1 764 000 tonnelli għal 2 423 000 tonnelli (kapaċità 'nameplate') sal-2013. Dan jinkludi kapaċità ġdida installata fl-Unjoni (+119 000), ir-Russja (+50 000), l-Arabja Sawdita (+100 000) u l-Ażja (+394 000)¹. Fiċ-Ċina, żidiet fil-kapaċità tal-etanolamina ta' 344 000 tonnelli huma mistennija li jsejtnu fil-perjodu 2009-2011. Meta wieħed iqis il-fatt li produttur wieħed tal-Istati Uniti jbiegħ il-prodott ikkonċernat liċ-Ċina permezz ta' operazzjoni ta' negozju bi sħab fil-Malażja, hu ovvju li jistenna li kwalunkwe żieda fl-awtosuffiċjenza fiċ-Ċina se tnaqqas b'mod serju l-possibbiltajiet tal-esportazzjoni tal-produttur fl-Istati Uniti. Fir-rigward tal-bqija tas-swieq Ażjatiċi, l-informazzjoni disponibbli tikkonferma li dawn ukoll qed isiru awtosuffiċjenti, u b'hekk ipoġġu iżjed pressjoni fuq il-produtturi tal-Istati Uniti biex isibu swieq ġodda.
- (38) Id-domanda dinjija, ibbażata fuq ir-rata tat-tkabbir prevista ta' 3,5-4 %, se tiżdied għal 1 836 000 tonnelli sal-2013. Meta wieħed iqis li xi eċċessi fil-kapaċità jġu dejjem assorbiti minn twaqqif għall-manutenzjoni u li għaldaqstant ċertu protezzjoni hi meħtieġa, il-previżjoni għall-2013 turi biss ekwilibriju fl-Istati Uniti u kapaċità eċċessiva f'postijiet oħra. Fi kliem ieħor, l-espansjonijiet tal-kapaċità varji u l-previżjonijiet tas-sitwazzjoni tas-suq li jwasslu sal-2013 jindikaw il-probabbiltà li l-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti jagħmlu dumping fis-suq tal-Unjoni peress li t-tqabbil tal-provvista mad-domanda fis-suq tal-Istati Uniti aktarx li mhux se jintlaħaq qabel l-2013.

¹ Pubblikazzjoni Tecnon OrbiChem, is-17 ta' Marzu 2009.

Bidla mill-produzzjoni tal-glikol tal-monoetilina għall-produzzjoni tal-etanolamini

- (39) Għandu jiġi osservat li l-etanolamini jiffurmaw parti mis-settur tan-negozju tad-derivati tal-EO. Il-glikol tal-monoetilina (MEG) jappartjeni wkoll għal dan is-settur. Hemm indikazzjonijiet li ħafna mill-produtturi tad-derivati tal-EO fl-Ażja qed jippruvaw jikkonċentraw fuq in-negozju tad-derivati tal-ossidu tal-etilene iżjed milli fuq il-MEG minħabba swieq tal-glikol batuti ħafna, u dan qed iġib iżjed etanolamini fis-suq. Fil-fatt, minħabba prezzijiet baxxi ħafna tal-MEG fl-2008, daww il-produtturi Ażjatiċi li jistgħu jipproduċu l-MEG u l-etanolamini għażlu li jiffavorixxu l-produzzjoni tal-etanolamini sabiex itejbu l-profittabbiltà ġenerali tagħhom¹. Dan aktarx li jirringi s-suq tal-etanolamini fl-Ażja, li fl-2008 kien jirrappreżenta 18 %² tal-esportazzjonijiet totali tal-Istati Uniti. Fuq il-bażi ta' informazzjoni mill-bidu tal-kriżi ekonomika attwali, kien hemm xi previżjonijiet li kien se jkun hemm xorta waħda nuqqasijiet sostanzjali fl-Ażja fil-perjodu taż-żmien qasir hafna³ iżda dan kollu mistenni li jieqaf fil-perjodu taż-żmien medju meta wieħed iqs iż-żieda sostanzjali tal-kapaċità tal-etanolamina fl-Ażja kif spjegat fil-premessa 27.

¹ Pubblikazzjoni Tecnon OrbiChem, is-17 ta' Diċembru 2008.

² PCI, edizzjoni ta' April 2009.

³ Ibbażat fuq id-dejta tal-konsum u l-pjanijiet tal-espansjoni tal-pubblikazzjoni SRI, Jannar tal-2009.

- (40) L-informazzjoni disponibbli wara r-RIP tikkonferma li minħabba l-prezzijiet batuti ħafna tal-MEG, il-produtturi li jipproduċu kemm l-MEG u kif ukoll l-etanolamini jiffavorixxu l-produzzjoni tal-etanolamini sabiex itejbu l-profittabbiltà ġenerali tagħhom. Fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-kapaċitajiet tal-MEG fid-dinja, l-informazzjoni¹ tissuġġerixxi li l-kapaċitajiet tal-MEG żdiedu b'madwar 19 % matul il-perjodu kkunsidrat. Minbarra l-Ażja, dan ġie attribwit b'mod speċjali għal żidiet fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani (l-Iran, il-Kuwajt u l-Arabja Sawdita), fejn l-espansjonijiet tal-MEG se jibqgħu jżdiedu sal-2015. Fil-Messiku seħħet żieda fil-kapaċità ta' 40 000 tonnellata għall-produzzjoni tal-etanolamina matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-informazzjoni disponibbli tissuġġerixxi li bidla minn produzzjoni tal-MEG għal produzzjoni tal-etanolamini għandha tkun mistennija. Din is-sitwazzjoni tikkonferma li s-suq dinji qed jaffaċja problema serja ta' provvista żejda fil-produzzjoni tal-MEG u tispjega għaliex il-prezzijiet tal-MEG qed jonqsu.
- (41) Peress li l-Istati Uniti hu l-iżjed suq importanti tal-etanolamina fid-dinja, hu mistenni li se jkun l-ewwel suq li se jintlaqat mill-konsegwenzi tal-kapaċità żejda tal-MEG, i.e. tnaqqis fil-prezzijiet tal-MEG u bidla tal-materja prima rilevanti (EO) mill-produzzjoni tal-MEG għall-produzzjoni tal-etanolamini. Hu ovvju li l-kapaċità żejda tal-MEG u l-konsegwenzi li jirriżultaw flimkien mal-eċċess tal-etanolamina diġà identifikat fis-suq tal-Istati Uniti se jikkawżaw pressjoni fuq il-prezzijiet tal-etanolamina.

¹ PCI, edizzjoni ta' April tal-2009; Pubblikazzjonijiet Tecnon OrbiChem tas-17 ta' Diċembru u s-17 ta' Marzu 2009.

Relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti u l-prezzijiet tal-Unjoni

- (42) B'mod ġenerali, il-bejgħ fis-suq tal-Unjoni spiss ma jsirx b'kuntratti ta' terminu fiss kif isir fis-suq tal-Istati Uniti iżda l-kuntratti kollha vverifikati kien fihom klawżoli li jippermettu adattament komparattivament malajr tal-prezzijiet (normalment fi żmien ftit ġimgħat) minħabba kull ċaqliq fil-prezzijiet. B'konsegwenza ta' dan, l-eżistenza ta' kuntratt tal-bejgħ ma titlobx li l-prezzijiet tal-bejgħ jiġu stabbiliti għal perjodu itwal u għaldaqstant huma stabbli. Il-prezzijiet tal-unità jiddependu ħafna mill-prezzijiet fis-suq dinji.
- (43) L-utenti industrijali fl-Istati Uniti u fl-Unjoni normalment jiksbu kundizzjonijiet simili fiż-żewġ swieq għax spiss ikunu kumpaniji multinazzjonali li jinneogzjaw l-akkwisti tagħhom fuq bażi dinjija u jagħżlu produtturi li huma kapaċi li jagħmlu kunsinni fuq skala simili. Il-bejgħ lil negozjanti u distributuri miż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw jirrappreżenta biss bejn 10 % u 20 % tal-volumi mibjugħa fis-suq domestiku tal-Istati Uniti u bejn 25 % u 35 % tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni. Skont id-dejta verifikata, il-prezzijiet domestiċi tal-Istati Uniti lin-negozjanti kienu bħala medja 7 % inqas mill-prezzijiet tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ fl-Istati Uniti lil utenti industrijali domestiċi kienu bħala medja madwar 30 % inqas milli lill-utenti tal-Unjoni. Din id-dejta tikkonferma li matul ir-RIP kien hemm differenza komparattivament sinifikanti bejn iż-żewġ swieq fejn il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni li kienu oġhla mill-prezzijiet tal-Istati Uniti. Għaldaqstant, meta wieħed iqis is-saturazzjoni fis-swieq tal-esportazzjoni l-oħra tal-Istati Uniti u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, it-terminazzjoni tal-miżuri tikkostitwixxi inċentiv sinifikanti għaż-żieda tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni jekk id-differenza fil-prezzijiet kienet se tkompli fil-futur qrib.

F'dan ir-rigward, qed jiġi osservat li, kif hu spjegat fil-premessa 48, id-dejta rilevanti wara r-RIP tissuġġerixxi li minħabba l-kriżi ekonomika dinjija, il-prezzijiet tal-Istati Uniti eċċedew il-prezzijiet tal-Komunità fil-perjodu ta' wara r-RIP.

- (44) Fuq il-bażi tad-dejta marbuta mar-RIP u meta wieħed iqis id-differenza fil-prezz pjuttost sinifikanti bejn il-prezzijiet tal-Istati Uniti u dawk tal-Unjoni għal utenti industrijali, li jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-klijenti, it-terminazzjoni tal-miżuri tikkostitwixxi inċentiv sinifikanti biex il-bejgħ tal-Istati Uniti jinqaleb lejn l-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, din is-sitwazzjoni nbidlet wara r-RIP u għal ħafna tipi ta' prodotti, l-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti ikollhom biss prezzijiet kompetittivi jekk isiru f'livelli dumped (ara l-premessa 48).

Relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti lil terzi pajjiżi u l-Unjoni

- (45) L-investigazzjoni wriet li s-swieq tal-esportazzjoni ewlenin għall-Istati Uniti matul ir-RIP kienu l-Kanada, il-Messiku, il-Brażil u l-Unjoni. Fir-rigward tal-prezzijiet tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti lejn terzi pajjiżi huma ġeneralment ogħla milli fis-suq domestiku tal-Istati Uniti u l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti lejn il-KE huma ġeneralment ogħla minn dawk lejn il-kumplement tad-dinja. Għalkemm dan jista' jiġi parzjalment attribwit għall-volumi tal-esportazzjoni iżjed baxxi (i.e. volumi iżjed baxxi tipikament jirriżultaw fi prezzijiet ogħla), jikkonferma wkoll l-importanza tas-swieq tal-esportazzjoni għall-produtturi tal-Istati Uniti li jistgħu dejjem jistennew prezzijiet ogħla u għaldaqstant iqisu dawn is-swieq bħala attraenti ħafna fil-każ ta' problemi bħal provvista żejda/kapaċità żejda jew tnaqqis fid-domanda fis-suq domestiku tal-Istati Uniti.

- (46) L-ipprezzar ġenerali tal-etanolamina naqas lejn l-aħħar tal-2008 minn għoli rekord fit-tielet kwart u fil-bidu tar-raba' kwart tal-2008. Sussegwentament, il-prezzijiet battew minħabba d-domanda batuta u spejjeż ħafna iżjed baxxi tal-etilene¹. Dan it-tnaqqis seħħ ukoll fi swieq tal-esportazzjoni tradizzjonali tal-Istati Uniti bħall-Kanada, il-Messiku jew il-Brazil² u dan jindika li l-prezzijiet wara r-RIP fis-swieq tal-esportazzjoni tradizzjonali tal-Istati Uniti huma inqas milli fl-UE.
- (47) B'konklużjoni, għaż-żewġ produttori esportaturi li kkooperaw, is-suq tal-Istati Uniti għadu bħala prinċipju s-suq tal-bejgħ l-iżjed importanti. L-Unjoni u l-Kanada (din tal-aħħar mingħajr ebda produzzjoni tal-etanolamina) jassorbixxu ħafna mill-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti tal-prodott ikkonċernat, segwiti mill-Brażil u l-Messiku. Madwar 20 % tal-produzzjoni fl-Istati Uniti ġiet esportata matul ir-RIP bil-livelli tal-prezzijiet li kienu ġeneralment oġhla minn dawk mitluba fis-suq domestiku tal-Istati Uniti. Għaldaqstant, matul ir-RIP, il-bejgħ lejn l-Unjoni u lejn il-kumplement tad-dinja kellu rwol importanti fl-użu ġenerali u l-profittabbiltà tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni installati. Filwaqt li l-prezzijiet inbidlu b'mod sinifikanti wara r-RIP, m'hemmx dubju dwar l-importanza kontinwa tas-swieq tal-esportazzjoni għall-profittabbiltà u l-użu tal-kapaċità. M'hemmx xejn li jissuġġerixxi li dan kollu ma japplikax għall-produtturi tal-Istati Uniti li ma kkooperawx.

¹ Edizzjoni PCI ta' April 2009.

² Pubblikazzjonijiet Tecnon OrbiChem l-14 ta' Awwissu 2009 u s-17 ta' Marzu 2009.

- (48) Element li mistenni li jkollu rwol kruċjali fl-iżvilupp tal-kapaċità dinjija u d-domanda fil-futur qrib hu l-impatt tal-kriżi ekonomika dinjija riċenti. DOW Chemical allegat li l-kriżi mhux se jkollha impatt sinifikanti fuq in-negozju tal-etanolamina, li l-kriżi attwali qed tasal fi tmiemha u li l-prezzijiet huma mistennija li jerġgħu jitilgħu matul it-tieni nofs tal-2009. L-industrija tal-Unjoni mill-banda l-oħra qalet li d-domanda niżlet bi 30 %, li l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha naqsu drastikament u li dan it-tnaqqis kien ogħla mit-tnaqqis tal-prezz tal-materja prima rilevanti użata għall-produzzjoni tal-etanolamini, jiġifieri l-ossidu tal-EO u l-ammonja.

L-allegazzjonijiet ta' DOW Chemical ma nstabux li kienu konvinċenti. Storikament, id-domanda għal ċertu setturi tal-użu aħħari tal-prodott ikkonċernat, bħal prodotti tal-kura personali, ġiet milquta b'mod negattiv mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Kif diġà intqal hawn fuq, l-impatt li l-leġiżlazzjoni dwar it-trattament tal-injam fl-Istati Uniti kellha fuq it-talba fl-Istati Uniti huwa mistenni li jinqata f'qasir żmien filwaqt li d-diffikultajiet magħrufa tas-setturi tal-kostruzzjoni u tal-karozzi kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Istati Uniti ma jidhrux li se jgħinu la lis-settur tas-siment jew lid-domanda tal-fluwidi awtomotivi għall-prodott ikkonċernat, mill-inqas fil-futur prevedibbli. Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet tessili fl-Istati Uniti osservaw ukoll tendenza 'l isfel matul iż-żmien u mbagħad inżammet l-istess pożizzjoni fl-2007. Kollox ma' kollox, l-allegazzjonijiet ta' Dow Chemical dwar il-kriżi ekonomika u l-iżvilupp futur fil-prezzijiet ma ġewx ikkonfermati bi kwalunkwe informazzjoni disponibbli għall-pubbliku sottomessa matul l-investigazzjoni preżenti. L-informazzjoni disponibbli minn ġurnali speċjalizzati ewlenin ikkonfermat ir-rappreżentazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li d-domanda kienet naqset b'mod sinifikanti, f'xi setturi anke b'40 %.

Id-dejta disponibbli wara r-RIP tissuġġerixxi li d-dumping żdied meta mqabbel mas-sitwazzjoni prevalenti matul ir-RIP. Kif diġà intqal, matul ir-RIP, kien hemm differenza sinifikanti b'mod paragunabbli bejn is-swieq tal-UE u tal-Istati Uniti bil-prezzijiet tal-UE li spiss ikunu oġhla mill-prezzijiet tal-Istati Uniti. Għaldaqstant, instab li kien hemm dumping ta' żewġ esportaturi tal-Istati Uniti iżda mhux tat-tielet wieħed. Lejn l-aħħar tal-PI u f'Ottubru 2008, kien hemm b'mod ċar overheating tas-suq. B'mod partikolari, il-prezzijiet tal-Istati Uniti żdiedu b'mod sinifikanti u qabżu l-prezzijiet tal-UE fi tnejn minn tliet tipi ta' prodotti (MEA u DEA li kienu jikkostitwixxu 41 % tal-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti) filwaqt li d-differenza mat-TEA naqqset b'mod sinifikanti. Avolja l-prezzijiet naqsu b'mod sinifikanti minn Ottubru 2008, l-iżjed dejta riċenti disponibbli tissuġġerixxi li l-prezzijiet fl-Istati Uniti għadhom oġhla minn dawk fl-Ewropa, b'mod speċjali l-prezzijiet tal-MEA u d-DEA. Fi kliem ieħor, kwalunkwe esportazzjonijiet mill-Istati Uniti lejn l-Ewropa se jkollhom jidħlu bi prezzijiet tad-dumping biex ikunu jistgħu jikkompetu mal-prodotti Ewropej fuq il-bażi tal-prezz.

Konklużjoni dwar il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping

- (49) Qed jiġi mfakkar li d-dumping matul ir-RIP instab li kien jeżisti għal wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi, madankollu f'livell inqas milli fl-investigazzjoni tar-reviżjoni preċedenti. Kien hemm ukoll dumping fir-rigward tal-produtturi tal-esportazzjoni li, madankollu, ma kinux qed jikkooperaw.

- (50) Bi tqabbil mal-investigazzjoni tar-reviżjoni preċedenti, is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet tal-Istati Uniti naqas minn 16,7 % għal 14 %. Xorta għad hemm kapaċità żejda sinifikanti fl-Istati Uniti, f'madwar 60 000 tonnellata, għalkemm f'livell imnaqqas meta mqabbel mar-reviżjoni preċedenti. Għandu jiġi osservat li r-rata tal-użu baxxa matul ir-RIP kienet konsegwenza ta' avvenimenti temporanji, u li l-użu ta' stima ta' 29 % tal-kapaċità installata fl-Istati Uniti ma setax jiġi investigat minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni. Fl-istess ħin, id-domanda fis-suq tal-Istati Uniti hi mistennija li tikber b'pass ftit iżjed baxx milli fl-Unjoni u l-kapaċità żejda fl-Istati Uniti hi mistennija li tiġi assorbita mhux qabel l-2013. Barra minn hekk, il-produtturi tal-Istati Uniti għandhom inċentiv li jżidu l-bejgħ tagħhom fis-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħassru, peress li f'numru ta' drabi l-prezzijiet fl-Unjoni nstabu li kienu ogħla mill-prezzijiet mitluba fis-suq domestiku tal-Istati Uniti jew fi kwalunkwe suq ieħor tal-esportazzjoni servit mill-produtturi tal-Istati Uniti matul ir-RIP. Il-punti msemmija juru li hemm inċentiv għall-kumpaniji tal-Istati Uniti li jżidu l-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni. Dan iwassal għal provvista żejda u t-tnaqqis konsegwenti fil-prezzijiet, i.e. volum saħansitra ogħla ta' importazzjonijiet dumped milli waqt ir-RIP. Il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni/żieda fl-importazzjonijiet dumped ibbażati fuq id-dejta tar-RIP tkompli tikber jekk jiġu kkunsidrati l-iżviluppi ta' wara r-RIP. Wara r-RIP u b'konsegwenza tal-kriżi ekonomika dinjija, il-prezzijiet tal-Istati Uniti kienu ogħla mill-prezzijiet tal-UE għal parti sinifikanti tal-prodott ikkonċernat filwaqt li l-livell tal-prezzijiet fil-bqija tad-dinja huwa ġeneralment inqas. L-iżvilupp ta' wara r-RIP jindika b'mod ċar li jekk il-produtturi tal-Istati Uniti kellhom jikkompetu mal-industrija tal-Unjoni, il-prodotti tagħhom ikollhom jidħlu bi prezzijiet dumped fi skala ikbar milli waqt ir-RIP.

- (51) Bħala konklużjoni, hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u riskju ta' żieda tal-volum tal-importazzjonijiet li possibbilment iwasslu għal pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet fl-Unjoni, tal-anqas fil-perjodu li jwassal għall-2013, li kieku l-miżuri kellhom tħassru.

D. DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

- (52) L-ilment ġie sottomess għan-nom ta' erba' produttori tal-etanolamina tal-UE, li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni tal-produzzjoni totali magħrufa fl-Unjoni tal-prodott simili, i.e. f'dan il-każ iżjed minn 95 %.
- (53) L-erba' produttori applikanti tal-Unjoni kkooperaw bis-sħiħ fl-investigazzjoni. Kumpanija oħra tal-Unjoni, LUKOIL Neftochim Bourgas AD, appoġġjat l-ilment bħala produttur tal-Unjoni iżda ma wegħbitx il-kwestjonarju u ma pprovdiet l-ebda informazzjoni jew dejta oħra. Il-produttori applikanti tal-Unjoni għandhom impjanti tal-produzzjoni fi Franza, il-Ġermanja, l-Iżvezja u l-Belġju.

- (54) Għandu jiġi osservat li produttur wieħed tal-Unjoni, INEOS Oxide Ltd, għandu wkoll interessi tal-prodott fl-Istati Uniti. Matul l-investigazzjoni dak il-produttur partikolari ddikjara li jqis lilu nnifsu bħala produttur impenjat tal-Unjoni. Matul ir-RIP, il-kumpanija impurtat il-prodott ikkonċernat mill-produttur relatat magħha tal-Istati Uniti iżda l-proporzjon tal-importazzjonijiet b'rabta mal-produzzjoni tal-Unjoni tagħha hu inqas minn 10 %. Barra minn hekk, skont l-informazzjoni disponibbli, dan il-produttur għandu pjanijiet li jespandi l-kapaċità fl-Unjoni sal-aħħar tal-2010. B'konformità ma' dan, din il-kumpanija tista' titqies bħala produttur ġenwin tal-Unjoni peress li l-importazzjonijiet mhumienx il-parti ewlenija tal-attività tan-negozju tagħha. Għaldaqstant, ma ġiex meqjus xieraq li dan il-produttur jiġi eskluż mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni b'konformità mal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament bażiku.
- (55) Fuq din il-bażi, l-erba' produttori tal-Unjoni huma BASF SE/AG, INEOS Oxide Ltd, Sasol Germany GmbH u Akzo Nobel Functional Chemicals AB u dawn jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Minn hawn 'il quddiem se jissejħu 'l-industrija tal-Unjoni'.

- (56) L-investigazzjoni wriet li, bħal fl-investigazzjoni tar-reviżjoni preċedenti, parti mill-produzzjoni tal-etanolamini fl-Unjoni hi intiża għal użu intern, jew magħluq. Tlieta mill-erba' kumpaniji li jappartjenu għall-industrija tal-Unjoni jipproduċu għal użu magħluq. L-investigazzjoni kkonfermat li l-industrija tal-Unjoni ma tixtrix il-prodott ikkonċernat għal użu magħluq minn partijiet indipendenti, kemm ġewwa jew barra l-Unjoni, u li l-produzzjoni magħluqa tintuża għall-produzzjoni ta' prodotti oħra downstream. L-etanolamini għal użu magħluq għaldaqstant ma jitqisux li huma f'kompetizzjoni mal-etanolamini disponibbli fis-suq tal-Unjoni ("is-suq ħieles").

E. SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI

1. Konsum fl-Unjoni

- (57) Il-konsum fl-Unjoni kien ibbażat fuq il-kombinazzjoni tal-volum tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni stess destinati għal bejgħ fis-suq ħieles tal-Unjoni u għal użu magħluq minn dawn il-produtturi u l-volumi tal-importazzjonijiet minn terzi pajjiżi lejn is-suq tal-Unjoni bin-nuqqas tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni. L-istimi għall-produttur li ma kkooperax, li jirrappreżenta parti żgħira ħafna tal-Unjoni, ġew miżjuda wkoll.

(58) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Konsum (f'tunnellati)	2005	2006	2007	RIP
Total	439 521	438 872	479 361	475 269
Indiċi	100	100	109	108
Ta' ħakma	248 994	246 857	243 995	206 982
Indiċi	100	99	98	83
Suq ħieles	190 505	192 010	235 461	268 386
Indiċi	100	101	124	141
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju u Eurostat</i>				

(59) Il-konsum fis-suq ħieles żdied b'41 % matul il-perjodu kkunsidrat bl-iżjed parti sinifikanti taż-żieda li sseħħ bejn l-2007 u r-RIP. Fir-rigward tas-suq magħluq, il-konsum naqas bi 17 %.

2. Importazzjonijiet mill-Istati Uniti

Volum, prezz u sehem tas-suq tal-importazzjonijiet dumped mill-pajjiż ikkonċernat

- (60) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ġewwa l-Unjoni mill-Istati Uniti naqas b'16 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, ġiet osservata żieda żgħira fl-importazzjonijiet mill-2007 sar-RIP. B'kolloxx, il-produtturi tal-Istati Uniti ma żidux l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-UE minħabba (i) problemi operattivi (l-impatt materjali tal-uragani fuq il-produzzjoni u l-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti) u l-bżonn konsegwenti li jiġi sodisfatt is-suq domestiku tal-Istati Uniti u (ii) it-tnaqqis fil-provvista/domanda globali strumentata minn nuqqasijiet fil-produzzjoni f'partijiet oħra tad-dinja u opportunitajiet tan-negozju mtejbja għall-qlib tal-materja prima użata għall-etanolamini għall-produzzjoni tal-MEG. Barra minn hekk, matul il-perjodu kkunsidrat, produttur wieħed tal-Istati Uniti kważi waqqaf l-esportazzjonijiet tiegħu lejn il-UE biex b'hekk ikkontribwixxa għat-tnaqqis osservat. Ta' min jinnota wkoll li parti konsiderevoli tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti waqt ir-RIP ma kinux oġġett ta' dumping.

Importazzjonijiet (f'tunnellati)	2005	2006	2007	RIP
Prodott ikkonċernat	44 912	39 641	35 892	37 583
Indiċi	100	88	80	84
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju u Eurostat</i>				

- (61) Il-prezz medju tal-importazzjoni żdied b'mod stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod ġenerali, il-prezz medju tal-importazzjoni mill-Istati Uniti kien dejjem inqas mill-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni.

Prezz medju tal-importazzjoni għal kull tonnallata (f'EUR)	2005	2006	2007	RIP
Prodott ikkonċernat	825	974	1 000	1 114
Indiċi	100	118	121	135
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju u Eurostat</i>				

- (62) Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti naqas b'9,6 punt perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Dan ġie attribwit għal darb'oħra għall-problemi deskritti fil-premessa 60.

Sehem tas-suq tal-KE	2005	2006	2007	RIP
Prodott ikkonċernat	23,6 %	20,6 %	15,2 %	14 %
Indiċi	100	88	65	59
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju u Eurostat</i>				

Tnaqqis fil-prezzijiet

- (63) Għall-iskop tal-analiżi tat-tnaqqis fil-prezzijiet, il-prezzijiet tal-importazzjoni taż-żewġ produttori esportaturi li kkooperaw iċċarġjati lil klijenti indipendenti tqabblu mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, fuq il-bażi tal-medji differenzjati għal tipi tal-prodott komparabbli matul ir-RIP. Il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni ġew aġġustati għal livell ta' ex-works, u mqabbla mal-prezzijiet tal-importazzjoni fil-fruntiera tas-CIF tal-Unjoni li kienu jinkludu kull tip ta' dazju doganali. Dan it-tqabbil fil-prezzijiet sar għal tranżazzjonijiet fl-istess livell tal-kummerċ, aġġustati kif dovut meta meħtieġ, u wara tnaqqis ta' ribassi u skonti.
- (64) Fuq il-bażi tal-metodoloġija ta' hawn fuq, ma nstab l-ebda tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ fl-industrija tal-Unjoni.

3. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (65) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żdiedu b'mod stabbli matul il-perjodu kkunsidrat bil-massimu tagħhom ikun fl-2007 u wrew tendenza ta' tnaqqis bejn l-2007 u r-RIP. Madankollu, matul il-perjodu kkunsidrat, dejjem baqgħu inqas ferm minn dawk tal-Istati Uniti. Il-pajjiżi esportaturi ewlenin l-oħra huma r-Russja, il-Messiku, l-Iran u t-Tajwan. Minbarra r-Russja, li għandha żieda stabbli ta' esportazzjonijiet, il-pajjiżi l-oħra kollha jippreżentaw evoluzzjoni inkoeerenti tal-esportazzjonijiet b'żidiet u tnaqqis fil-kwantitajiet minn sena għall-oħra.

Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra	2005	2006	2007	RIP
Tunnellati	7 862	16 021	23 086	19 644
Indiċi	100	204	294	250
Sehem tas-suq	4,1 %	8,3 %	9,8 %	7,3 %
Indiċi	100	202	238	177
Prezz tal-importazzjoni EUR/tunnellata	1 215	1 177	1 402	1 459
Indiċi	100	97	115	120
<i>Sors: Eurostat</i>				

4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

- (66) Qed jiġi mfakkar li l-industrija tipproduċi wkoll għal użu magħluq. L-indikaturi li ġejjin ġew stabbiliti fuq il-bażi kemm ta' bejgħ tas-suq ħieles u użu magħluq: stokks, produzzjoni, kapaċità, użu tal-kapaċità, investiment, ritorn fuq l-investiment, ċirkolazzjoni tal-flus, abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital, impjiegi, produttività u pagi. L-indikaturi l-oħra, notevolment il-bejgħ u l-profitti, jirreferu għal bejgħ fis-suq ħieles. Meta wieħed iqis l-iżvilupp tas-suq magħluq, i.e. li l-konsum magħluq jkun b'mod ġenerali konformi mal-iżvilupp tal-bejgħ tas-suq ħieles, is-sejbiet dwar is-suq magħluq jistgħu jiġu estrapolati.

Produzzjoni, kapaċità u użu tal-kapaċità

- (67) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-produzzjoni u l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni żdiedu gradwalment bi 13 %. L-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli f'livell għoli ftit inqas minn 90 %. Skont l-informazzjoni disponibbli, dan il-livell tal-użu tal-kapaċità hu viċin il-livell massimu għall-industrija kkonċernata. Iż-żieda parallela fil-produzzjoni u l-kapaċità, li fi kwalunkwe każ baqgħet inqas mill-konsum tal-Unjoni li qed jiżdied, tikkonferma li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tapprofitta mill-miżuri eżistenti u li tibbenefika miż-żieda fid-domanda tal-prodott ikkonċernat (attribwiti għad-domanda li qed tikber fid-diversi industriji downstream bl-użu tal-etanolamini).

	2005	2006	2007	RIP
Produzzjoni (tunnellati)	375 119	371 688	407 744	424 526
Indiċi	100	99	109	113
Kapaċità (tunnellati)	424 000	432 000	458 000	477 000
Indiċi	100	102	108	113
Użu tal-kapaċità	88 %	86 %	89 %	89 %
Indiċi	100	97	101	101
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju</i>				

- (68) L-istokks tal-industrija tal-Unjoni żdiedu wkoll b'konformità maż-żieda ġenerali fil-konsum tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, dan mhuwiex meqjus b'ħala indikatur sinifikanti ħafna peress li l-produzzjoni tal-etanolamina hi speċifika għall-klijent u hi bbażata l-iżjed fuq kuntratti ta' perjodu twil li normalment jiġu konklużi lejn l-aħħar tas-sena kalendarja.

	2005	2006	2007	RIP
Stokks (tunnellati)	8.906	10.113	9.250	11.097
Indiċi	100	114	104	125
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju</i>				

Volum tal-bejgħ, prezz tal-begħ u sehem tas-suq

- (69) Il-bejgħ fl-industrija tal-Unjoni żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat (sa massimu ta' 54 %). Madankollu, meta wieħed iqis iż-żieda importanti paralleli fil-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni, iż-żieda fis-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni kienet relattivament modesta (żieda ta' 6,4 punti perċentwali) matul il-perjodu kkunsidrati. Dawn it-tendenzi jikkonfermaw li l-industrija tal-Unjoni kienet f'pożizzjoni li tibbenefika mill-miżuri fis-seħħ. Il-prezz medju tal-unità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'31 % fil-perjodu kkunsidrat. Din is-sitwazzjoni tirrifletti ż-żieda sostanzjali fil-prezzijiet tal-materja prima użata fil-manifattura tal-etanolamini iżda wkoll iżjed profittabbiltà, b'mod partikolari fir-RIP.

- (70) Iż-żieda osservata fil-prezzijiet tal-bejgħ fl-industrija tal-Unjoni hi konformi wkoll maż-żieda dinjija tal-prezzijiet fis-suq dinji tal-etanolamini. Dan il-fenomeni hu attribwit għal serje ta' avvenimenti straordinarji u temporanji li seħħew matul il-perjodu kkunsidrat u b'mod partikolari mill-2007 sal-PIR. Min-naħa waħda, l-ispejjeż għall-materja prima (l-EO, primarjament derivattiv ibbażat fuq il-petrol u l-ammonja) żdiedu b'mod sinifikanti matul dan il-perjodu. Min-naħa l-oħra, is-suq dinji esperjenza tnaqqis sinifikanti fil-bilanċ bejn il-provvista/domanda globali matul l-istess perjodu. Dan kien ir-riżultat ta' fatturi differenti bħal: problemi fil-produzzjoni tal-Istati Uniti u esportazzjonijiet ikkawżati mill-uragani, diffikultajiet fil-produzzjoni fl-Ażja, żieda qawwija fid-domanda għal prodotti downstream (agro kimiċi u b'mod iżjed preċiż il-glifosat) li jużaw l-etanolamini bħala materja prima, u problemi fil-manifattura tal-prodotti (b'mod partikolari l-MEG) li jużaw l-istess materja prima bħal fil-produzzjoni tal-etanolamini li wasslu biex il-produtturi jimmanifatturaw kemm l-MEG u kif ukoll l-etanolamini biex ikun hemm xaqliba temporanja għal dawk imsemmija l-ewwel.

Bejgħ fl-Unjoni tal-prodott simili fil-konsum tas-suq ħieles	2005	2006	2007	RIP
Volum (tunnellati)	132 003	130 575	169 403	203 090
Indiċi	100	99	128	154
Prezz medju tal-bejgħ (EUR/tunnellata)	1 044	1 141	1 189	1 366
Indiċi	100	109	114	131
Sehem tas-suq	69 %	68 %	72,9 %	76,6 %
Indiċi	100	98	106	111
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju</i>				

Profitabbiltà

- (71) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni żiedet b'mod sinifikanti l-profitabbiltà tagħha. Dan it-titjib għandu jittqies fil-kuntest ta': żieda dinjija fil-prezzijiet tal-etanolamini, id-deċiżjoni ta' produttur wieħed tal-Istati Uniti biex kważi jwaqqaf għal kollox l-esportazzjonijiet tiegħu lejn il-UE, li kkontribwixxiet għal tnaqqis tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti, u domanda li qed tikber ta' etanolamini kemm fl-Unjoni u kif ukoll dinjija. Dan tal-aħħar kellu konsegwenza fiż-żieda tal-volumi tal-bejgħ kif ukoll żieda fil-livelli tal-prezz tal-bejgħ li kienu, sal-aħħar tar-RIP, iżjed prominenti miż-żidiet li jikkorrispondu fl-ispejjeż tal-produzzjoni.

	2005	2006	2007	RIP
Profitabbiltà: Industrija tal-Unjoni	10,1 %	16 %	15,8 %	21,9 %
Indiċi	100	159	157	217
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju</i>				

Investiment, ritorn fuq l-investiment, ċirkolazzjoni tal-flus u l-abbiltà għall-ġenerazzjoni tal-kapital

- (72) Il-livell tal-investimenti juri evoluzzjoni mhux lineari matul il-perjodu kkunsidrat. L-investimenti kienu, minn naħa waħda, meħtieġa għall-manutenzjoni tal-impjanti tas-siti tal-manifattura tagħhom u, min-naħa l-oħra, għal żidiet moderati fil-kapaċità sabiex wieħed jieħu vantaġġ miż-żieda fil-konsum u jissodisfa l-bżonnijiet tal-esportazzjoni. Ir-ritorn tal-investiment, espress f'termini ta' profitti netti tal-industrija tal-Unjoni u l-valur nett tal-investimenti tiegħu, juri tendenza ta' titjib sinifikanti fil-perjodu kkunsidrat. Iċ-ċirkolazzjoni tal-flus tal-industrija tal-Unjoni turi wkoll titjib sostanzjali fil-perjodu kkunsidrat.

	2005	2006	2007	RIP
Investimenti (EUR)	980 213	6 396 684	1 505 707	2 454 173
Indiċi	100	654	154	250
Ritorn fuq l-assi netti	45 %	54 %	55 %	87 %
Indiċi	100	121	123	195
Ċirkolazzjoni tal-flus (EUR)	22 831 675	34 807 468	36 971 471	55 859 958
Indiċi	100	152	162	245
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju</i>				

- (73) In-numru ta' impjegati fl-industrija tal-Unjoni involuti fil-produzzjoni tal-prodott simili żdied b'mod modest matul il-perjodu kkunsidrat. L-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tikkontrolla l-evoluzzjoni tal-ispiża medja tal-ħaddiema għal kull impjegat matul il-perjodu kkunsidrat. Il-produttività, espressa f'termini tal-produzzjoni għal kull ħaddiem, tgiebet bi f'tit fl-istess perjodu. L-evoluzzjoni fl-ispejjeż tal-ħaddiema u l-produttività kellha impatt pożittiv biex inżamm kontroll sod fuq l-ispiża tal-produzzjoni u għenet fit-titjib tar-riżultati tal-profitti.

	2005	2006	2007	RIP
Impjieg	100	104	104	110
Indiċi	100	103	104	110
Produttività (f'tunnellati għal kull ħaddiem)	3 749	3 591	3 916	3 858
Indiċi	100	96	104	103
Spiża medja tax- xogħol għal kull ħaddiem (f'EUR)	2 389	2 629	2 449	2 262
Indiċi	100	110	103	95
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju</i>				

Kobor tad-dumping

- (74) Id-dumping baqa' għaddej matul ir-RIP, anke jekk f'livelli iżjed baxxi minn daww stabbiliti fl-investigazzjoni tar-reviżjoni preċedenti.

Irkupru minn dumping fl-imġhoddi

- (75) Kif muri hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni kellha l-opportunità li tirkupra minn dumping tal-imġhoddi b'mod partikolari f'termini ta' profitabbiltà, bejgħ u sehem tas-suq.
- (76) Il-volumi tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni lejn terzi pajjiżi żdiedu b'21 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan it-titjib sinifikanti beda mill-2007 u baqa' sejjer sar-RIP u kien attribwit l-iżjed għaż-żieda fid-domanda għall-etanolamini fis-swieq Ażjatiċi minħabba diffikultajiet fil-produzzjoni li seħħew f'dawn is-swieq partikolari matul l-istess perjodu. Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-esportazzjoni segwew xejra simili bħall-prezzijiet Komunitarji. Din is-sitwazzjoni hi attribwibbli għal darb'oħra għall-fatt li l-perjodu bejn l-2007 u r-RIP kien karatterizzat bi tnaqqis konsiderevoli fil-bilanċ tal-provvista/domanda globali.

	2005	2006	2007	RIP
Volum tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni (f'tunnellati)	18 308	14 055	22 746	22 228
Indiċi	100	77	124	121
Prezz tal-bejgħ tal-esportazzjoni	1 223	1 293	1 241	1 689
Indiċi	100	106	101	138
<i>Sors: Risposti għall-kwestjonarju</i>				

5. Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni

- (77) Il-volum tal-etanolamini kkunsmati fis-suq tal-Unjoni żdied b'41 % filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti naqsu b'16 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-istess ħin, l-industrija tal-Unjoni żiedet il-volum tal-bejgħ tagħha u s-sehem tas-suq korrispondenti tagħha.
- (78) Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tġiebet matul il-perjodu kkunsidrat. L-indikaturi tad-dannu rilevanti jiddeskrivu stat tajjeb ta' attività f'termini tal-prestazzjoni tan-negozju. L-industrija tal-Unjoni kienet qed taħdem b'kapaċità għolja, u b'hekk inkisbu marġini tal-profitti sinifikanti, biex b'hekk inżammet ċirkolazzjoni tal-flus stabbli, kien hemm żieda fl-investimenti u nżammu taħt kontroll l-ispejjeż tal-ħaddiema. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi li tibbenefika minn serje ta' avvenimenti eċċezzjonali li seħħew matul il-perjodu bejn l-2007 u r-RIP li wasslu għaż-żieda fil-prezzijiet u li kellhom influwenza pożittiva fuq il-prestazzjoni tan-negozju tagħha.
- (79) B'konklużjoni, minħabba l-iżvilupp pożittiv tal-indikaturi li jappartjenu għall-industrija tal-Unjoni, ma setax jiġi stabbilit jekk id-dannu materjali kompliex. Għaldaqstant, ġie eżaminat jekk kienx hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

F. PROBABBILTÀ TAR-RIKORRENZA TAD-DANNU

Sommarju tal-analiżi tal-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tad-dumping u r-rikorrenza tad-dumping dannuż

- (80) Qed jiġi mfakkar li l-kontinwazzjoni tad-dumping matul ir-RIP ġiet stabbilita għal żewġ produttori esportaturi tal-Istati Uniti. Wieħed miż-żewġ esportaturi tad-dumping ma kkooperax. Minħabba l-fatt li dan hu soġġett għall-ogħla miżuri anti-dumping filwaqt li fl-istess ħin hu produttur ewlieni fis-suq tal-Istati Uniti, ikollu l-ogħla inċentiv li jirritorna għas-suq tal-Unjoni, jekk jiġu terminati l-miżuri.

Analiżi tal-probabbiltà b'rabta mal-fatti stabbiliti għar-RIP

- (81) Kif stabbilit f'iżjed dettall fit-taqsimi C, l-investigazzjoni stabbilixxiet numru ta' fatturi li jindikaw il-probabbiltà ta' żieda sostanzjali tal-importazzjonijiet dumped mill-Istati Uniti jekk jiġihassru l-miżuri. Dawn il-fatturi huma notevolment:
- il-kapaċità żejda tal-produtturi tal-Istati Uniti ta' 60 000 tonnellata, li mhijiex mistennija li tiġi assorbita fil-futur qrib;
 - l-awtosuffiċjenza mistennija tas-swieq tal-esportazzjoni tradizzjonali tal-Istati Uniti, li jġagħlu l-produtturi tal-Istati Uniti li jċaqalqu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni. Dan hu notevolment veru għas-swieq tal-esportazzjoni fl-Amerika Latina u l-Ażja¹. Qed jiġi mfakkar li s-swieq Ażjatiċi għandhom rwol importanti fl-abbiltà tal-produtturi tal-Istati Uniti li jiddisponu mill-eċċessi tal-etanolamini tagħhom;

¹ Pubblikazzjoni Tecnon OrbiChem, is-17 ta' Marzu 2009.

- dazji anti-dumping Ċiniżi imposti fuq tnejn mit-tliet tipi ta' prodotti kontra numru ta' pajjiżi, inkluż l-Istati Uniti;
- pressjoni ta' produzzjoni miżjuda minħabba ċaqliq minn produzzjoni MEG għall-etanolamina. Il-kapaċità żejda u l-prezzijiet baxxi fin-negożju MEG se jagħtu spinta lill-produtturi biex jiffavorixxu l-etanolamina iżjed milli l-produzzjoni MEG, biex b'hekk jinħolqu kapaċitajiet ġodda tal-etanolamina u titpoġġa pressjoni fuq il-prezzijiet;
- l-iżvilupp tad-domanda tal-etanolamina fl-Istati Uniti hu previst li se jkun inqas milli f'partijiet oħra tad-dinja, inkluża l-Komunità;
- ir-rata medja tat-tkabbir fid-domanda fl-Unjoni hi mistennija li tkun ogħla minn dik fl-Istati Uniti biex b'hekk tipprovdi iżjed inċentiv għall-produtturi tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti biex jimmiraw l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-Unjoni;
- l-informazzjoni disponibbli dwar l-uniku produttur tal-Istati Uniti li ma kkooperax twassal għall-konklużjoni li anke kumpaniji li ma kkooperawx mal-investigazzjoni u li naqqsu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni xorta waħda għadhom interessati ħafna li jibqgħu fis-suq tal-UE u li jtejbu l-attivitajiet tal-esportazzjoni tagħhom.

- (82) Meta wieħed iqis dan kollu, il-produtturi tal-Istati Uniti se jkollhom isibu iżjed klijenti u l-iżjed għażla fattibbli għalihom se tkun li jirrikorru għas-suq tal-Unjoni.
- (83) Matul ir-RIP, l-industrija tal-Unjoni kienet sejra tajjeb. Ir-raġuni għal dan setgħet kienet li d-domanda b'saħħitha għall-prodott ikkonċernat kienet iżjed mill-offerta. Madankollu, kwalunkwe żieda fl-importazzjoni tal-etanolamini li diġà ġew dumped u li oriġinaw fl-Istati Uniti tpoġġi pressjoni konsiderevoli fuq l-industrija tal-Unjoni u xxekkel il-prestazzjoni tagħha.
- (84) Qed jiġi osservat ukoll li l-etanolamini huma komodità, i.e. id-diversi tipi ta' prodotti huma prodotti sa ċertu standards tekniċi u prodotti minn sors jistgħu faċilment jiġu sostitwiti bi prodotti minn sors ieħor. Għaldaqstant, f'suq karatterizzat bi provvista żejda, il-kompetizzjoni se tkun l-iżjed fuq il-bażi tal-prezz.
- (85) F'dan l-isfond, il-kombinazzjoni ta' fatturi deskritti hawn fuq jistgħu fi żmien relattivament qasir jipperikolaw id-domanda b'saħħitha fl-etanolamini u jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni ta' provvista żejda fis-suq tal-Unjoni. Żieda fl-importazzjonijiet dumped għandha twassal għal pressjoni 'l isfel fuq il-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ u dan, imbagħad, jaffettwa b'mod negattiv l-indikaturi relatati mal-prestazzjoni fl-industrija tal-Unjoni, notevolment il-profitabbiltà. F'każ li jseħħ dumping miżjud, jiġi stabbilit tnaqqis fil-prezzijiet.

- (86) Il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu kif deskritt fit-taqsimha preċedenti hi miżjuda mill-fatt li s-suq tal-etanolamina nbidel wara l-kriżi ekonomika li laħqet livell prominenti fil-Ħarifa tal-2008. Ħafna parametri ewlenin inbidlu konsiderevolment, kemm fejn dawn jikkonċernaw l-esportazzjonijiet u fejn hi kkonċernata s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Kif spjegat hawn fuq, l-informazzjoni disponibbli tissuġġerixxi li hemm akkumulazzjoni qawwija ta' importazzjonijiet dumped wara r-RIP minħabba l-fatt li l-livelli tal-prezzijiet tal-Istati Uniti għal żewġ tipi ta' prodotti huma 'l fuq mil-livell tal-prezzijiet Ewropej filwaqt li d-divrenzjar tal-prezz għat-tielet tip qed jgħib malajr. B'dan il-mod, id-dejta tal-Eurostat turi li matul it-tieni kwart tal-2009, l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti (i.e. 15 052 tunnellata) waslu fl-Unjoni 20 % irħas minn matul ir-RIP.
- (87) Mingħajr il-miżuri, dawn l-importazzjonijiet dumped miżjuda kienu jikkonfrontaw industrija tal-Unjoni li hi konsiderevolment indebolita. Tabilħaqq, l-informazzjoni pubblika miġbura waqt l-investigazzjoni tindika domanda, bejgħ u ekonomiji tal-iskala mnaqqsa, kapaċità tal-produzzjoni mhux utilizzata, rendiment finanzjarju inqas, eċċ l. Minħabba l-kriżi ekonomika attwali, is-suq tal-Unjoni tal-etanolamina ffaċċja domanda żgħira. Il-produtturi tal-industrija fl-Unjoni għaldaqstant ġew imġiegħla jnaqqsu l-produzzjoni tagħhom.

¹ Pubblikazzjoni Tecnon OrbiChem tal-14 ta' Awwissu 2009; pubblikazzjoni ICIS, 15 ta' April u 19 ta' April 2009; PCI, edizzjonijiet ta' Novembru 2008 sa Lulju 2009.

- (88) L-industrija tal-Unjoni preżentament qed topera f'livell tal-użu tal-kapaċità ta' 70 %, i.e. ħafna inqas mil-livell tal-perjodu tar-RIP ta' kważi kapaċità sħiħa. Barra minn hekk, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'madwar 30 % filwaqt li fl-istess ħin il-prezzijiet naqsu wara r-RIP b'35-40 %. Fl-istess ħin, l-evoluzzjoni ta' wara r-RIP tal-ispiża tal-produzzjoni u l-profitabbiltà żvelaw li jidher li hemm żbilanċ serju bejn l-ispiża tal-materja prima u l-prezzijiet tal-etanolamini biex dan ikompli jagħmel ħsara l-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Filfatt, l-ispiża taż-żewġ materji primi ewlenin użati fil-produzzjoni tal-etanolamini (etilene u ammonja), matul il-perjodu ta' wara r-RIP naqsu materjalment inqas mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-etanolamina. Dan wassal għal telf serju fil-marġini tal-profitti tal-industrija tal-Unjoni li qiegħda preżentament tosserva jew telf jew marġini tal-profitt b'ċifra waħda.
- (89) Fi kliem ieħor, l-industrija tal-Unjoni m'għadhiex f'sitwazzjoni li tidher li hi robusta, iżda f'sitwazzjoni fejn il-pressure minn importazzjonijiet dumped aktarx li se twassal għal tnaqqis perikoluż li se jkun ferm iżjed minn dak probabbli fuq il-bażi tad-dejta tar-RIP.

- (90) Is-sitwazzjoni ekonomika ta' hawn fuq naqqset il-possibbiltajiet tan-negozju tal-industrija tal-Unjoni. Minn naħa waħda, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tespandi l-bażi tal-klijenti tagħha fl-UE meta wieħed iqis il-fatt li ma teżisti l-ebda indikazzjoni li l-kompetituri ewlenin tagħha fis-suq tal-Unjoni (i.e. il-produtturi tal-Istati Uniti) waqqfu jesportaw lejn l-UE. Min-naħa l-oħra, jidher ukoll li mhux possibbli li titnaqqas il-pressjoni fuq l-industrija tal-Unjoni b'żidiet fil-produzzjoni fl-użu magħluq peress li ma teżisti l-ebda indikazzjoni li l-prospetti ekonomiċi tal-prodotti downstream (bħal etileneamini, erbiċidji u katalisti) jistgħu jegħlbu l-pressjoni fuq is-suq tal-etanolamini.

Konklużjoni fuq il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dannu

- (91) Fil-każ li l-miżuri jitħassru, teżisti probabbiltà kbira li jkun hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet dumped tal-Istati Uniti lejn l-Unjoni li tista' twassal biss għal rikorrenza tad-dannu. Il-produtturi tal-Istati Uniti qed jutilfu s-swieq tradizzjonali filwaqt li l-provvista żejda tal-MEG twassal għal żieda fil-produzzjoni tal-etanolamina li jkollha tinbiegħ fi swieq oħra minbarra l-Istati Uniti. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika affettwat l-industrija tal-Unjoni li qed taffaċċja pressjoni mill-importazzjonijiet dumped tal-Istati Uniti eżistenti mingħajr ma għandha soluzzjoni oħra vijabbli sabiex tindirizza d-dumping dannuż ħlief permezz tal-kontinwazzjoni tad-dazji anti-dumping. Ma nstabex l-ebda indikazzjoni li tista' twassal għall-konklużjoni li din is-sitwazzjoni mhux se tkompli tikber, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

G. INTERESS TAL-UNJONI

1. Rimarka preliminari

- (92) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping preżentament fis-seħħ tkunx kontra l-interess tal-Unjoni fit-totalità tagħha. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, i.e. dawk tal-industrija tal-Unjoni, importaturi, negozjanti, bejjiegħa bl-ingrossa u utenti industrijali tal-prodott ikkonċernat.
- (93) Għandu jiġi mfakkar li fl-investigazzjonijiet preċedenti, l-impożizzjonijiet tal-miżuri ma tqisitx li tmur kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni preżenti hi revizzjoni tal-iskadenza, li b'hekk tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri anti-dumping ikunu fis-seħħ.
- (94) Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping u l-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dannu, kienx hemm raġunijiet konvinċenti biżżejjed li jwasslu għall-konklużjoni, f'dan il-każ partikolari, li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu dawn il-miżuri.

2. Interess tal-industrija tal-Unjoni

- (95) Qed jiġi mfakkar li d-dumping matul ir-RIP kien għadu preżenti u li teżisti probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping tal-prodott ikkonċernat li joriġina fl-Istati Uniti u ta' rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.
- (96) L-industrija tal-Unjoni tat prova li hi industrija vijabbli u kompetittiva, u dan ġie kkonfermat bl-iżvilupp pożittiv ta' ħafna indikaturi ekonomiċi. Il-miżuri anti-dumping imposti qabel ikkontribwixxew biex tiġi restawrata l-profitabbiltà u ppermettew biżżejjed ritorn fuq l-investment. Dan jista' jkun ta' benefiċċju għal investimenti ġodda fl-2010. Għaldaqstant, hu fl-interess tal-industrija tal-Unjoni li jinżammu miżuri kontra importazzjonijiet dumped mill-Istati Uniti.

3. Interess tal-importaturi u negozjanti/bejjiegħa bl-ingrossa

- (97) Meta wieħed iqis in-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' kwalunkwe negozjant u bejjiegħ bl-ingrossa, ġie konkluż li n-nuqqas jew il-kontinwazzjoni tal-miżuri ma kinux jaffetwaw ħafna lil dawn il-partijiet. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma wrietx l-eżistenza ta' xi importatur mhux relatat peress li l-importazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw fl-Istati Uniti jsiru permezz ta' importaturi relatati mal-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti.

- (98) Il-kontinwazzjoni tal-miżuri mhux se tibdel is-sitwazzjoni preżenti tal-importaturi relatati, li nstabu li kienu għamlu profitti matul ir-RIP f' marġini konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Fi kwalunkwe każ, tal-anqas f'każ bħal dan, l-interessi tal-importaturi relatati jiffurmaw parti integrali tal-interessi tal-produtturi esportaturi għax dawn tal-aħħar jistgħu jiddeterminaw il-politika tal-importaturi relatati. Qed jiġi mfakkar li l-interessi tal-produtturi esportaturi mhumex parti mill-analiżi tal-interess tal-Unjoni.

4. Interest tal-utenti industrijali

- (99) Fuq il-bażi tal-fatt li l-kontinwazzjoni tal-miżuri tirrappreżenta t-tielet tiġdid tal-miżuri anti-dumping, ingħatat attenzjoni partikolari għall-interess tal-utenti industrijali.
- (100) Utent wieħed biss li jappartjeni għan-negozju tal-esterquat għal sustanzi li jratbu d-drappijiet ippreżenta ruħu f'din l-investigazzjoni. L-esterquats huma prodotti fuq il-bażi tat-TEA u jintużaw bħala sustanzi għat-trattib tad-drappijiet kummerċjalizzati minn kumpaniji bħal Unilever, Henkel, Colgate Palmolive, Procter & Gamble u Benckiser/Reckitt. L-utent industrijali in kwistjoni kien akkwista l-etanolamini matul ir-RIP kemm mill-Istati Uniti u kif ukoll mill-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet minn dan l-utent industrijali kienu jirrappreżentaw sehem żgħir tal-importazzjonijiet totali tal-Istati Uniti (li jvarjaw bejn 15 % u 25 % - il-figura preċiża ma tistax tiġi żvelata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità).

- (101) L-uniku utent industrijali li kkoopera saħaq li l-utenti tal-Unjoni qed isofru mill-miżuri anti-dumping għax jiddependu fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamina bħala sors addizzjonali biex ikopru d-domanda tal-KE tagħhom. Iddikjara wkoll li l-utenti tal-Unjoni joperaw fi swieq kompetittivi ħafna u sensittivi ħafna għall-prezzijiet bi pressjoni mill-produtturi downstream. Iridu jixtru wkoll materja prima bl-inqas prezzijiet possibbli sabiex inaqqsu l-ispejjeż. Għaldaqstant, skont dan l-utent industrijali, kwalunkwe żieda fil-prezz tal-etanolamina tpoġġi l-attivitajiet tan-negozju tiegħu fil-periklu u taffettwalu ħażin il-profittabbiltà tiegħu. Għaldaqstant, din il-parti kkonkludiet li l-kontinwazzjoni tal-miżuri mhijiex fl-interess tal-Unjoni għax is-sitwazzjoni msemija tista' tittaffa jekk il-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu.

- (102) Instab li, matul ir-RIP, it-TEA kien jirrappreżenta parti importanti (li jvarja minn 20 % sa 30 %) tal-ispiża totali tal-produzzjoni tal-esterquats għall-uniku utent industrijali individwali li kkoopera. Hu ċar li l-eliminazzjoni tal-miżuri anti-dumping, mill-inqas fil-perjodu taż-żmien qasir, ittaffi l-piż impoġġi fuq din il-kumpanija bl-ispiża tat-TEA bħala materja prima. Madankollu, meta wieħed iqis il-fatt li din il-kumpanija qed takkwista ammonti sinifikanti ħafna ta' TEA mill-industrija tal-Unjoni, l-impatt finali ta' kwalunkwe bidla fil-miżuri anti-dumping mhux mistenni li jkun sinifikanti għal dan l-utent industrijali partikolari. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat l-impatt tal-miżuri anti-dumping attwali fuq id-dħul tal-kumpanija fir-rigward tan-negozju tal-esterquat li juża l-etanolamini impurtati mill-Istati Uniti. Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li l-impatt ġenerali tad-dazju anti-dumping hu moderat (ivarja bejn 1 % u 5 %) fuq id-dħul rilevanti tal-kumpanija. Dan jispjega għaliex il-kumpanija kienet kapaċi tkompli l-attivitajiet tan-negozju tagħha f'dan is-settur minkejja żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-etanolamini sar-RIP u minkejja l-eżistenza tal-miżuri anti-dumping. Għandu jiġi osservat ukoll li l-esterquats jirrappreżentaw biss parti moderata tal-attivitajiet totali ta' dan l-utent industrijali.

- (103) L-evoluzzjoni ta' wara r-RIP tal-prezzijiet TEA u l-impatt tagħhom fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-uniku utent industrijali li kkoopera ġiet eżaminata wkoll. F'dan ir-rigward, qed jiġi mfakkar li l-prezzijiet tal-etanolamini naqsu b'mod sinifikanti wara r-RIP. Meta wieħed iqis l-evoluzzjoni osservata tal-prezz tat-TEA u l-istruttura tal-ispejjeż tan-negozju tal-esterquats, qed jiġi meqjus li l-inċidenza tat-TEA fl-ispiża totali tal-prodott lest naqset wara r-RIP. Fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, jidher li, għal dan l-utent industrijali partikolari, it-tnaqqis fil-prezzijiet tat-TEA, jista' jwassal għal tnaqqis fl-ispiża tat-TEA fil-firxa ta' 20 % sa 25 %. L-effett korrispondenti fl-ispiża totali tal-produzzjoni tal-oġġetti lesti jkun tnaqqis fil-firxa ta' 15 % sa 20 %.
- (104) L-impatt ta' kwalunkwe kontinwazzjoni tal-miżuri anti-dumping fuq l-uniku utent industrijali li kkoopera ġie analizzat ukoll bl-eżaminazzjoni tal-prestazzjoni ekonomika tiegħu fil-passat, b'mod partikolari b'rabta mal-profitabbiltà u l-bejgħ tiegħu. Fir-rigward tal-profitabbiltà instab li, matul il-perjodu kkunsidrat, minkejja l-miżura fis-seħħ, l-uniku utent industrijali li kkoopera kiseb profitabbiltà marġinali għal prodotti li jinkorporaw l-etanolamini. Fir-rigward tal-bejgħ instab li l-uniku utent industrijali li kkoopera b'mod sinifikanti żied il-bejgħ tal-esportazzjoni tiegħu għal prodotti li jinkorporaw l-etanolamini filwaqt li l-bejgħ tiegħu fl-Unjoni naqas ftit. It-tendenzi msemmija kienu japplikaw bl-istess mod għal prodotti manifatturati bl-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti jew li joriġinaw fl-UE. Din is-sitwazzjoni turi li l-fatt li l-eżistenza ta' miżuri anti-dumping ma kellha l-ebda impatt fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni tal-kumpanija fir-rigward tal-bejgħ, biex b'hekk tikkonferma li l-kumpanija kienet kapaċi tagħmel suċċess mingħajr l-ebda problemi notevoli fil-bejgħ u l-profitabbiltà tagħha. Ma nstab l-ebda fatt konvinċenti li juri li s-sitwazzjoni msemmija kienet se tinbidel jekk jittawlu l-miżuri anti-dumping.

- (105) Finalment, ma nstabet l-ebda evidenza konvinċenti li tissostanzja l-allegazzjoni li s-suq strett għal utenti industrijali hu attribwibbli b'mod dirett għal nuqqasijiet fil-provvista tal-etanolamini mill-industrija tal-Unjoni.
- (106) Fil-qosor, matul ir-RIP, l-effett tad-dazju anti-dumping fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-utent industrijali li kkoopera tal-prodotti lesti hu pjuttost limitat u t-tħassir tal-miżuri anti-dumping kien se jipprovd bih biss allevjazzjoni marġinali. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni ta' wara r-RIP fir-rigward tal-prezzijiet TEA diġà għandha impatt pożittiv fuq l-istruttura tal-ispejjeż tal-kumpanija. Għaldaqstant, ġie deċiż li kontinwazzjoni tal-miżuri ma kinitx se taffettwa b'mod sinifikanti l-uniku utent industrijali li kkoopera. Meta wieħed iqis il-fatt li l-ebda utent ieħor ma kkoopera mal-investigazzjoni u li l-ebda informazzjoni rilevanti oħra ma ġiet sottomessa minn kwalunkwe parti dwar dan is-suġġett partikolari, ġie konkluż li l-analiżi msemmija għandha tapplika bl-istess mod għall-utenti industrijali kollha li jistgħu jkunu kkonċernati mis-suq tal-etanolamina.

5. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (107) L-investigazzjoni wriet li l-miżuri anti-dumping eżistenti kkontribwixxew għall-irkupru tal-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni tibbenefika minn kontinwazzjoni tal-miżuri billi żżomm il-livelli kurrenti tal-prezzijiet profitabbli, li jippermettu investiment addizzjonali. Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, dan ikun ta' periklu għal dan il-proċess tal-irkupru, kif deskritt fid-dettall taħt it-taqsim F hawn fuq. Għaldaqstant, il-kontinwazzjoni tal-miżuri hi fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

- (108) Ma jidhirx li jeżistu importaturi mhux relatati u ma ppreżentawx ruħhom negozjanti/bejjiegħa bl-ingrossa mhux relatati. L-importazzjonijiet kollha li joriġinaw fl-Istati Uniti jsiru permezz ta' negozjanti relatati, li, waqt li l-miżuri kienu fis-seħħ, instabu li kienu kisbu marġini tal-profitti waqt ir-RIP li huma konformi mar-rati tas-suq normali.
- (109) Barra minn hekk, fil-passat, il-miżuri eżistenti dehru li ma kellhomx effett negattiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-utenti. Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni kurrenti, kwalunkwe żieda fil-prezz, jekk ikun hemm, li tirriżulta mill-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping, ma tidhirx li hi sproporzjonata meta mqabbla mal-benefiċċju tal-industrija tal-Unjoni miksub bit-tneħħija tad-distorzjoni tal-kummerċ ikkawżat mill-importazzjonijiet dumped.
- (110) Fir-rigward tal-interess tal-Unjoni, għaldaqstant qed jiġi konkluż li m'hemmx raġunijiet konvinċenti biex ma jibqgħux jiġu imposti l-miżuri anti-dumping preżentament fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti.
- (111) Għaldaqstant jitqies li hu xieraq li jinżammu l-miżuri preżenti tal-anti-dumping kontra l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti.

H. MIŻURI ANTI-DUMPING

- (112) Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien intiż li jiġi rakkomandat li l-miżuri eżistenti jinżammu. Dawn ingħataw ukoll perjodu li fih kellhom jissottomettu l-kummenti u l-allegazzjonijiet tagħhom wara l-iżvelar. Ir-rappreżentazzjonijiet rilevanti sottomessi ġew analizzati iżda ma wasslux għal tibdil tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien ġie deċiż li jinżammu l-miżuri attwali tal-anti-dumping.
- (113) L-investigazzjoni wriet li kien hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping (inkluża żieda probabbli tal-volum tal-esportazzjonijiet dumped) kif ukoll probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu.
- (114) Anke meta wieħed iqis li wieħed miż-żewġ produttori esportaturi li kkooperaw ma kienx qed jagħmel dumping u (għaldaqstant) meta wieħed jassumi għall-futur li l-parti tiegħu tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti mhux se jkunu dumped, il-kundizzjonijiet għall-kontinwazzjoni tad-dazju fuq il-bażi ta' 11(2) xorta jiġu osservati.
- (115) Minn dan isegwi li, kif provdut fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1583/2006, għandhom jinżammu.

- (116) Qed jiġi meqjus ukoll li l-miżuri għandhom jinżammu għal perjodu addizzjonali ta' sentejn biss. Dan hu bbażat fuq numru ta' raġunijiet bħal: l-eżistenza ta' probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping dannuż ibbażat fuq il-fatti li (i) id-dumping minn produttori esportaturi tal-Istati Uniti kompli, minkejja l-miżuri fis-seħħ, u (ii) stennija ta' importazzjonijiet miżjuda għewwa l-Unjoni minħabba l-eċċess eżistenti fil-kapaċità tal-produzzjoni ta' 60 000 tunnellata fl-Istati Uniti u n-nuqqas ta' domanda domestika korrispondenti li kapaċi tassorbixxi din il-kapaċità eċċessiva fl-Istati Uniti. Barra minn hekk, wieħed mill-produtturi tal-Istati Uniti li ma kkooperawx jinsab preżentament soġġett għall-ogħla dazju anti-dumping u għaldaqstant għandu l-akbar inċentiv li jirritorna lejn is-suq tal-Unjoni jekk jiskadu l-miżuri. Għandu wkoll in-netwerk tad-distribuzzjoni neċessarju għad-dispożizzjoni tiegħu għax ibiġh prodotti kimiċi oħra fis-suq tal-Unjoni u ta indikazzjonijiet li jqis il-KE bħala suq tal-esportazzjoni importanti.
- (117) Barra minn hekk, il-kapaċità eċċessiva fl-Istati Uniti hi mistennija li tgħib gradwalment lejn l-2013 u hemm pjanijiet tal-espansjonijiet tal-kapaċità fl-Unjoni sal-aħħar tal-2010. Il-kunsiderazzjonijiet tal-aħħar, ikkombinati mal-inċertezza tal-impatt tal-kriżi ekonomika dinjija fil-preżent fuq is-suq tal-etanolamina (kemm fuq livell dinji iżda b'mod iżjed importanti fil-livell tal-Unjoni), jimmeritaw il-limitazzjoni taż-żamma tal-miżuri għal sentejn,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv qed jiġi b'dan impost fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamini li preżentament għandhom il-kodiċijiet NM ex 2922 11 00 (monoetanolamini) (Kodiċi TARIC 2922 11 00 10), ex 2922 12 00 (dijetanolamina) (Kodiċi TARIC 2922 12 00 10) u 2922 13 10 (trijetanolamina), li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika.
2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

Kumpanija	Dazju anti-dumping (EUR għal kull tonnellata)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Dow Chemical Corporation 2030 Dow Center Midland, Michigan 48674 USA	59,25	A115
INEOS Americas LLC 7770 Rangeline Road Theodore, Alabama 36582 USA	69,40	A145
Huntsman Chemical Corporation 3040 Post Oak Boulevard PO Box 27707 Houston, Texas 77056	111,25	A116
Il-kumpaniji l-oħra kollha	111,25	A999

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.
4. F'każijiet fejn l-oġġetti tkun saritilhom ħsara qabel id-dħul fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa u, għaldaqstant, il-prezz li fil-fatt jitħallas jew li jkun pagabbli jittqassam għad-determinazzjoni tal-valur tad-dwana skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93¹, l-ammont tad-dazju antidumping, ikkalkulat fuq il-bażi tal-ammonti stabbiliti hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi mat-tqassim tal-prezz li fil-fatt tħallas jew li hu pagabbli.

Artikolu 2

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jkun fis-seħħ għal perjodu ta' sentejn.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.